MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2695/2002

**Chev Damian Iwucke**

**vs**

**Benneth Njoku**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Novembru, 2002**
**fejn intqal:**
**Illi fl-10 ta' Lulju, 1997 il-konvenut issellef mija u hamsin lira (Lm150) minghand l-attur, bil-kondizzjoni li jhallashom lura malli jigi lura Malta (Dok A).**
**Il-konvenut gie lura Malta wara zmien qasir u ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas anke permezz ta' ittra legali (Dok B), huwa baqa' inadempjenti u anqas irrisponda.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fit-22 ta' Novembru, 2002 fejn intqal illi l-avviz odjern ghandu jigi michud bl-ispejjez stante illi:**

**1. Preliminarjament huwa irritu u null in kwantu ma jinkludi ebda talba, u**

**2. Fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma ssellef ebda somma mill-attur, kif allegat.**

**3. Minghajr pregudizzju, izda wkoll in linea preliminari, tigi eccepita wkoll il-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artikolu 2156(e) (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Chev Damian Iwueke u ta' Benneth Njoku. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza hija ghal hlas ta' mija u hamsin lira (Lm150), ammont li l-konvenut allegatament issellef minghand l-attur fl-10 ta' Lulju 1997 u dana a bazi ta' skrittura esebita Dok A.**

**2. Dwar l-ewwel eccezzjoni t-Tribunal b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2002, cahad l-istess peress li ma hemmx nullita' fl-avviz kif redatt.**

**3. Il-ftehim sar fl-10 ta' Lulju 1997 u l-avviz gie prezentat fil-11 ta' Novembru 2002.**

**4. Il-konvenut eccepixxa wkoll il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2156 (e) u (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi s-segwenti azzjonijiet jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin: (e) l-azzjonijiet ghar-radd ta' flus moghtija b'self, jekk is-self ma jirrizultax minn att pubbliku; (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.**

**5. L-istess attur in kontro-ezami jikkonferma illi qabel il-11 ta' Ottubru, 2002, huwa ma kienx**

**ipprezenta ittra ufficjali biex jitlob il-pagament. L-attur ighid illi lill-konvenut kien tkellem mieghu f'Awissu 2002 u f'dik l-okkazzjoni l-attur jallega li l-konvenut kien qallu li ser ihallas.**

**6. Il-konvenut jichad dan u jghid illi l-ewwel darba li l-attur talbu l-flus kien f'Settembru 2002. Il-konvenut jichad kategorikament li huwa qatt qal lill-attur li kien ser ihallsu kif ukoll ighid li l-attur qatt ma staqsieh ghal hlas.**

**7. Ghalhekk it-Tribunal jirrileva illi apparti li ma kien hemm l-ebda att gudizzjarju li jitterrompi l-perjodu preskrittiv, lanqas ma kien hemm ammissjoni da parti tal-konvenut jew li sar xi pagament li seta' interrompa l-preskrizzjoni u dana kif previst fl-artikolu 2128 2132, 2133,2134 u 2135 tal-Kap 16. Ghalhekk l-azzjoni hija preskritta peress illi ghaddew il-hames snin previsti fl-artikolu 2156 (e) u 2156 (f).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, jiddikjara l-azzjoni preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(e) u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement jichad it-talba. Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------